**Kunsill Lokali Żejtun**
**'Dar iż-Żwieten'**, 28, Triq Sant' Anġlu, Żejtun ZTN1369
Tel: 21 66 38 66 fax: 21 66 39 39 e-mail: zejtun.lc@gov.mt website: www.zejtunlocalcouncil.com

ŻEJTUN
Città Beland
Frott iż-Żebbuġ Ismi

**Seduta** 03/11 tas-sitt Kunsill Lokali elett Marzu 2008
**Data** 07/04/2011 fis-7.35pm
**Post** Sala Mikiel Cachia, 'Dar Iż-Żwieten', Kunsill Lokali, 28 Triq Sant' Anġlu, Żejtun

| | | |
|---|---|---|
| **Attendenza** | Sindku Joe Attard | Preżenti |
| | Viċi Sindku Joan Agius | Preżenti |
| | Camilleri Claude | Preżenti |
| | Darmanin Richard | Preżenti sat-8.20pm |
| | Fenech Stephanie | Preżenti sad-9.30pm |
| | Hales Joseph | Preżenti |
| | Pace Darrell | Preżenti mit-8.30pm |
| | Seychell Anthony | Preżenti |
| | Wille Piscopo Elisabeth | Preżenti |

**Preżenti wkoll** Segretarju Eżekuttiv Anton Falzon
Assistant Principal Caroline Schembri

**03. 1.** **Qari u Approvazzjoni tal-Minuti**

| **Riferenza** | **Rif** | **Mingħand / Suġġett** | **Kummenti / Deċiżjoni** | **Inkarigat** |
|---|---|---|---|---|
| 03. 1. 1 | | Proponent: Wille Piscopo<br>Sekondant: Camilleri | **Il-Minuti 02/11 inqraw u ġew approvati nem.con.** | |
| 03. 1. 2 | | **Wara l-minuti ġew iffirmati mis-Sindku u s-Segretarju Eżekuttiv.** | | |

**03. 2.** **Rapporti mill-Minuti**

| **Riferenza** | **Rif** | **Mingħand / Suġġett** | **Kummenti / Deċiżjoni** | **Inkarigat** |
|---|---|---|---|---|
| 03. 2. 1 | 02.2.1 | Viċi-Sindku: Community Worker on probation | Il-Viċi-Sindku nfurmat lill-Kunsill li s-Sur N. Cassar beda l-ħidma tiegħu fiż-Żejtun u jidher li miexi tajjeb. | Viċi-Sindku |
| 03. 2. 2 | 02.2.2 | Viċi-Sindku: Ħajt perikoluż mal-ġenb tal-Knisja Madonna tal-Ħniena | Il-Viċi-Sindku rrapurtat li minkejja l-isforzi kollha tal-Kunsill xorta waħda l-knisja baqgħet ma ħadet l-ebda azzjoni. **Il-Kunsill qabel li jagħmel rapport l-għassa.** | Segretarjat |
| 03. 2. 3 | 02.2.4 | Viċi-Sindku: Skema Awtorita' tad-Djar | Is-Sindku spjega li l-ftehim ma' l-Awtorita' tad-Djar ser ikun iffirmat nhar l-Erbgħa 13 ta' April. F'din l-iskema ser jidħlu l-komun tas-16 -il blokk ta' Ħal Tmiem. Il-bjut, il-gallariji u l-lifts ser jibqgħu responsabbilta' tal-Housing. L-irregolarijiet li jeżistu f'dawn il-blokok iridu jitneħħew u jrid jinħatar kumitat tat-tmexxija f'kull blokk. Il-Kunsill irid joħroġ tender għall-Perit. Il-Kunsillier Hales semma' li l-Kunsill qed joħroġ flus sabiex jitnaddfu l-ġardini tal-blokki. Wille Piscopo staqsiet x'jiġri minn dawk il-flats li jkunu nxtraw mill-inkwilini. Is-Sindku spjega li dawn ma jaqawx taħt din l-iskema. Infatti Binja San Klement f'Gebel San Martin ma hux konsidrat ghal din l-iskema ghax l-appartamenti kollha huma propjeta privata. | Sindku<br>Viċi-Sindku |

| | | | | | | |
|---|---|---|---|---|---|---|
| 03. | 2. | 4 | | Seychell: Problemi ta' drenaġġ | Seychell informa lill-Kunsill li l-kuntrattur li qed jagħmel xogħol ta' lift fi blokk C Qasam Ta' Ganza laqat is-sistema tad-drenaġġ filwaqt li fi Triq Dun Spir Grixti kien hemm problema tad-drenaġġ b'konsegwenza li t-tarmak ta' din it-triq tqatta' darbtejn. | |
| 03. | 2. | 5 | 02.2.11 | Fenech: Korsijiet ta' l-Aerobics | Fenech infurmat lill-Kunsill li fit-30 ta' Marzu beda kors ieħor b'xejn ta' l-aerobics li magħhom daħlu dawk l-applikanti li kienet jħallsu. | Fenech |
| 03. | 2. | 6 | 02.3.1 | Fenech: Festa Ġemellaġġi | Fenech staqsiet meta ser tasal id-delegazzjoni spanjola u jekk hux ser ikunu ż-Żejtun. Is-Sindku spjega li minn 5 persuni li kienu ser jattendu, issa ser jattendu 2 biss. It-Tnejn fis-7pm ta' fil-għaxija ser issir żjara lill-vari tal-Ġimgħa l-Kbira ġewwa l-Knisja Parrokkjali. Ser jattendu wkoll għal-laqgħa li ser issir fl-Oratorju mill-[illegible] Wirt iż-Żejtun, u l-Kunsilliera kollha huma mistiedna jiltaqgħu magħhom. | Sindku<br>Viċi-Sindku |
| 03. | 2. | 7 | 02.3.2 | Camilleri: Laqgħa Korsijiet tal-Kompjuter | Camilleri informa lill-Kunsill li saret il-laqgħa għall-applikanti tal-kors tal-kompjuter fejn għaliha kien hemm attendenza numeruża. | Camilleri |
| 03. | 2. | 8 | 02.3.3 | Camilleri: Korsijiet tal-Kompjuter tas-Sajf | Camilleri informa lill-Kunsill li dwar il-korsijiet tas-Sajf għad m'għandux risposta. | Camilleri |
| 03. | 2. | 9 | 02.3.7 | Fenech: Attivitajiet sportivi għal Jum iż-Żejtun | Fenech infurmat il-Kunsill li għal Jum iż-Żejtun saru 3 attivitajiet b'dik tad-19 ta' Marzu b'nofsha ffinanzjata mid-dipartiment u l-Kunsill Malti għall-isport. Il-Viċi-Sindku ġibdet l-attenzjoni li l-leaflet bl-attivitajiet ma ntbagħtx ma' l-inviti filwaqt li t-treasure hunt ma kinetx fuq il-website ta' l-Għaqda Wirt Żejtun bħall-kumplament ta' l-attivitajiet. | Fenech |
| 03. | 2. | 10 | 02.3.8 | Seychell: Ittra lis-Sur E. Mifsud | Seychell staqsa jekk is-Segretarjat irrispondix l-ittra tas-Sur Mifsud li ġiet diskussa fil-laqgħa preċedenti. Is-Segretarjat qal li s-Sur Mifsud ser jirċievi ittra fil-ġranet li ġejjin. | Segretarjat |
| 03. | 2. | 11 | 02.10.8 | Seychell: Liċeo Carlo Diacono | Seychell staqsa jekk ktibniex dwar il-każ ta' l-istudenti Żwieten tal-year 6 lill-Onor. Dolores Cristina. Is-Segretarjat wieġeb li għalkemm ktibna s'issa għadna ma rċevejniex risposta. Il-Viċi-Sindku rrapurtat lill-Kunsill li attendiet għall-Prize Day tal-Liceo Carlo Diacono fejn b'dispjaċir innutat li l-Kunsill ma ssemmiex. Hija talbet biex is-sena d-dieħla dan il-Liceo jingħata kotba mill-Kunsill għall-Prize Day filwaqt li ferrħet lill-istudenti Żwieten li spikkaw fl-għoti ta' premjijiet. Il-Viċi-Sindku talbet ukoll sabiex tintbagħat ittra lill-iskola primarja B fejn tingħata spjegazzjoni għaliex ma attenda l-ebda rappreżentant mill-Kunsill filwaqt li nnutat li din id-darba l-Kunsill xtara kotba għall-okkażjoni. | Camilleri |

| | | | | | | |
|---|---|---|---|---|---|---|
| 03. | 2. | 12 | 02.10.10 & 02.10.11 | Camilleri: Traffic Management | Camilleri reġa' fakkar lill-Kunsill dwar double yellow lines fi Triq San Alfonsu k/m Triq Santa Marija, parking bays fi Triq Kapumastru kif ukoll sabiex issir l-isleeping policeman fi Triq Santa Marija fejn Sqaq Sant'Isidoru. | Sindku |
| 03. | 2. | 13 | 02.10.12 | Hales: Xogħol fuq il-bandli ta' San Girgor | Hales staqsa meta ser isiru ix-xogħlijiet fuq il-bandli ta' San Girgor. Wille Piscopo qalet li kienet ilha li ressqet dan l-ilment lill-Kunsill. Il-Viċi-Sindku ġibdet l-attenzjoni dwar il-bżonn ta' manutenzjoni fuq il-bandli ta' Triq il-Labour kif ukoll ħadid fid-dħul u l-ħruġ ta' l-istess bandli minħabba s-sigurta' tat-tfal. Wille Piscopo qalet li għandhom isiru gates fil-bandli ta' Ġnien iż-Żgħożija minħabba l-istess raġuni. Is-Sindku spjega li fl-allokazzjoni finanzjarma mhemmx finanzjament biex jinbidel apparat qadim/skadut u jista jsri biss xoghol ta' manutenzjoni bil-haddiema tal-Kunsill. Bħalissa qed nistennew l-assessment report dwar il-bandli mid-Dipt. tal-Gvern Lokali. | Sindku |
| 03. | 2. | 14 | 02.10.14 | Camilleri: Kors tal-Kompjuter e-Anzjan | Camilleri staqsa jekk il-Kunsill irċeviex xi ittra mis-Seg. Parlamentari M. Galea dwar il-kors e-anzjan. Ir-risposta kienet fin-negattiv. | Camilleri |
| 03. | 2. | 15 | 02.10.16 | Hales: Art fi Triq id-Dulliegħ | Hales talab lill-Kunsill sabiex tinkiteb ittra lill-MEPA ħalli jittella' l-ħajt ta' art mitluqa fi Triq id-Dulliegh. Dan sabiex jinqatgħu l-abbużi. Il-Kunsill innota li kemm il-darba saru spezzjonijiet mill-enforcement officer iżda għal xi raġuni jew oħra l-affarijiet baqgħu ma tranġawx. **Fid-dawl ta' dan il-Kunsill qabel li jikteb lic-Chairman.** | Segretarjat |
| 03. | 2. | 16 | 02.10.17 | Viċi-Sindku: Skolasajf | Il-Viċi-Sindku infurmat lill-Kunsill li l-proġett Skolasajf ser isir varat nhar il-25 ta' Mejju bejn l-10.00am u l-11.30am fiż-Żejtun Day Care Centre. | Viċi-Sindku |
| 03. | 2. | 17 | 02.10.19 | Viċi-Sindku: Globu Knisja Madonna tal-Ħniena | Il-Viċi-Sindku fakkret dwar il-globu tal-Knisja tal-Madonna tal-Ħniena. | Sindku |
| 03. | 2. | 18 | 02.10.20 | Viċi-Sindku: Leaflet bl-attivitajiet tal-Kunsill | Il-Viċi-Sindku reġgħet fakkret lill-Kunsilliera sabiex jissottomettu l-attivitajiet tagħhom tul ix-xhur tas-Sajf sabiex fl-aħħar ta' Mejju dan il-leaflet jitqassam fid-djar. Il-Kunsillier Hales ġibed l-attenzjoni li l-kont tal-latrini ser jogħla minħabba l-attivitajiet li jiġu organizzati. | Segretarjat |

**03. 3. Korrispondenza**

Il-Kunsill ikkonsidra l-korrispondenza li rċieva kif inkluża fir-rendikont ML03/11. B'riferenza għal:

| Riferenza | Rif | Minghand / Suġġett | Kummenti / Deċiżjoni | Inkarigat |
|---|---|---|---|---|
| 03. 3. 1 | 01 | MEPA: PA 5966/09 | **Il-Kunsill qabel li ghandu jiġbed l-attenzjoni tal-MEPA sabiex jinżamm il-karattru ta' l-inħawi peress li dan l-iżvilupp jinsab fil-village core.** | Sindku |

| | | | | | |
|---|---|---|---|---|---|
| 03. | 3. 2 | 13 | Ombudsman: Kaz A. Mcpherson | Dwar il-każ tas-Sur Mcpherson, dan jidher li ġie magħluq bil-korrispondenza li ntbagħtet f'dan ir-rigward. | |
| 03. | 3. 3 | 16 | Sezzjoni Partitarji Belandisti: Billboard | Il-Kunsill innuta li l-ittra ma ntbagħtitx mill-Għaqda Banda Beland u ffirmata mis-Segretarju ta' l-Għaqda iżda minn sezzjoni ta' l-istess ghaqda. Għaldaqstant il-Kunsill qabel li għandu jikteb f'dan ir-rigward kif ukoll jitlob permess tal-MEPA u jissuġerixxi li l-billboard isir fl-għalqa. Il-Viċi-Sindku fakkret sabiex isir billboard li jkun propjeta' tal-Kunsill hekk kif kien ġie deċiż preċedentement. | |
| 03. | 3. 4 | 17 | Residenti: Misraħ Indipendenza | Il-Kunsill bagħat il-petizzjoni li rċieva mir-residenti ta' Misraħ Indipendenza dwar l-istat ta' l-istess misraħ lid-dipartiment ta' l-artijiet. | |
| 03. | 3. 5 | 18 | Għaqda tan-Nar 25 ta' Novembru: Reklam - Fuljett tal-Festa | **Il-Kunsill approva r-reklami li jagħmel ta' kull sena fil-fuljetti li joħorgu l-għaqdiet lokali.** | Segretarjat |
| 03. | 3. 6 | 20 | Fr Eric Overend: Bollards quddiem il-Knisja | **Il-Kunsill approva li jsiru bollards jitilgħu u jinżlu quddiem il-Knisja fuq ir-reserved peress li ta' spiss jkun hemm karozzi ipparkjati li jinjoraw l-istess reserved parking għall-funzjonijiet tal-Knisja bħal funerali u tiġijiet.** | |
| 03. | 3. 7 | 22 | Għaqda Mużikali Beland: Ġimgħa ta' Attivitajiet imtella' fis-Suq | Is-Sindku spjega l-problema li l-Kunsill qed jaffaċċja sabiex jiċċaqlaq is-Suq minħabba l-attivita' hekk kif mitlub mill-Għaqda Mużikali Beland. Il-bejjiegħa talbu €170 kull wieħed biex dak inhar ma jarmawx. L-aħħar żviluppi huma li fil-ġurnata ta' l-Erbgħa meta jarma l-Monti ser jitħalla truss u s-sound control. Il-bejjiegħa konċernati ġew avviċinati u wieħed mill-bejjiegħa ser jiċċaqlaq f'posta li bħalissa tinsab battala. Wara l-attivita' dan il-post ser jimtela' mill-persuna li jmiss fil-waiting list. L-Għaqda Mużikali Beland talbet sabiex il-Kunsill ma jagħtiex permessi għall-kiosks kif ukoll sabiex il-latrina tas-Suq tkun miftuħa tul il-ġimgħa ta' attivitjiet. **Hawnhekk il-Kunsill qabel li jagħti ċ-ċavetta lill-Għaqda u tamministra l-latrina l-istess Għaqda. Il-Kunsill qabel li l-Għaqda għandha tagħmel insurance.** Ser issir ukoll laqgħa mas-Supretendent minħabba l-ko-ordinament ta' dawn l-attivitajiet. Il-Kunsill innota li l-policy ta' l-istess Kunsill ser tkun li l-Monti ma jistax jiċċaqlaq. | Sindku |
| 03. | 3. 8 | 25 | Kunsillier Darmanin: Tender tal-bins on wheels | Il-Kunsillier Darmanin permezz ta' ittra talab lill-Kunsill sabiex jonora t-tender tal-bins on wheels. Peress li fl-ittra ta' Darmanin ma kienx hemm speċifikat kif il-Kunsill mhuwiex jonora t-tender, **il-Kunsill qabel li jikteb lill-istess kunsillier sabiex jindika fejn hemm l-allegatament ksur.** | Segretarjat |

| | | | |
|---|---|---|---|
| 03. 3. 8 i | | | Camilleri qajjem il-każ ta' rimi ta' skart fuq central strip fi Triq Falkunier fejn nies ġew imħarrka minn warden pajżan minflok ingħataw warning . Is-Sindku spejga li n-nies kienu diġa' gew infurmati b'ittra sabiex ma jsirx tfiegħ ta' skart. Peress li ntqal diskors vojt mill-warden waqt li kien qed isiru t-taħrikiet, il-warden mhux ser jitħallas. |
| 03. 3. 8 ii | | | Is-Sindku spjega li din is-sena għandna sfida sabiex l-iskart jitnaqqas b'100 tunellata. Bħalissa tpoġġew 30 skip u tnaqqas id-double service filwaqt li fejn kien hemm 2 skips, din tnaqqset għal waħda. Kien hemm suġġeriment li r-residenti konċernati dwar dan għandhom ikunu mgħarrfa b'dak li qed jiġri. Għaldaqstant ser titqassam ittra hekk kif jitqassmu l-greenbags. |
| 03. 3. 8 iii | | | Il-Kunsillier Pace informa lill-Kunsill li l-iskart fl-inħawi ta' Triq John Borg qed idum biex jinġabar. Is-Sindku spjega li dan qed jiġri minħabba ta' ġbir ta' skart f'toroq dojoq. Pace informa lill-Kunsill ukoll dwar il-ġbir ta' skart ta Triq Wied iz-Ziju peress li tneħħiet l-iskip. Ir-residenti konċernati ser ikunu nfurmati dwar is-sistema l-ġdida ta' ġbir ta' skart. |
| 03. 3. 9 | 29 | Zejtun Corinthians FC: Ċelebrazzjoni għall-promozzjoni fl-ewwel diviżjoni | Il-Kunsill innota ċ-ċelebrazzjoni li ser issir miż-Żejtun Corinthians is-Sibt 30 ta' April. **Il-Kunsill qabel li ma jintramawx trailers għal din l-attivita' kif ukoll li jippreżenta trofew komemorattiv ta' l-okkażjoni. Il-Kunsill qabel ukoll li jikteb lill-ħwienet u l-għaqdiet dwar is-separazzjoni tal-flixken mill-iskart l-ieħor. Filwaqt li l-Kunsill innota l-problema ta' ġbir ta' skart waqt attivitajiet bħal dawn kif ukoll fil-festa, qabel li għandu jikteb lill-WasteServ għal direzzjoni dwar din il-problema. Il-Kunsill qabel ukoll li jkunu provduti bins, servizz ta' knis kif ukoll ftuħ tal-latrina ta' Misraħ ir-Repubblika.** |
| 03. 3. 10 | | L & A Camilleri: Protest dwar Tender 01/11 | Il-Kunsill ġie mgħarraf dwar il-protest li irċieva minn L & A Camilleri dwar Tender 01/11 - reception desk. Is-Sindku irtira mil-laqgħa minħabba kunflitt ta' interess. L & A Camilleri ħallsu €200 lill-Kunsill biex b'hekk uffiċjalizzaw il-protest tagħhom. Dan peress li l-Kunsill ma għażilx l-offerta ta' L&A Camilleri li kienet l-orħos offerta. Għada 8 ta' April is-Segretarju Eżekuttiv ser jgħaddi dan il-protest lill-Assoċjazzjoni Kunsill Lokali sabiex jagħmel l-evalwazzjoni tiegħu billi jipprovdi d-dokumenti kollha meħieġa flimkien ma' ċekk ta' €100 hekk kif titlob il-proċedura. |

**03. 4.** **Ħlasijiet**

| Riferenza | Rif | Mingħand / Suġġett | Kummenti / Deċiżjoni | Inkarigat |
|---|---|---|---|---|
| 03. 4. 1 | | Tabella tal-Ħlasijiet 03/11 | **Il-Kunsill approva nem.con. li jħallas għas-servizzi kuntrattwali skond ir-rakkomandazzjoni tar-rappreżentant tal-Kunsill.** | Segretarjat |
| 03. 4. 2 | | Tabella tal-Ħlasijiet 03/11 | **Il-Kunsill approva nem.con il-ħlas tal-kontijiet l-oħra skond kif jidher fit-tabella tal-ħlasijiet 03/11 bil-verifiki meħtieġa kif indikat fuq l-istess tabella.** | Segretarjat |
| | 105/106 | Is-Sindku talab lis-Segretarjat jiċċekkja jekk il-ground tar-RedStars jistax jagħmel użu minnu l-Kunsill f'ħinijiet u okkażjonijiet speċifiċi mingħajr ħlas. | | Segretarjat |
| 03. 4. 3 | | Talbiet għal Xiri 03/11 | **Il-Kunsill approva nem.con. il-lista ta' ordnijiet għal xiri ta' xogħlijiet, oġġetti jew servizzi.** | Segretarjat |
| 03. 4. 4 | | Petty Cash - Marzu 2011 | **Il-Kunsill approva nem.con. il-lista tal-petty cash ta' Marzu 2011 hekk kif preżentata, li kien jammonta għal €139.38.** | Segretarjat |

**03. 5. Mozzjonijiet, Xiri u Xogħlijiet**

| Riferenza | Rif | Mingħand / Suġġett | Kummenti / Deċiżjoni | Inkarigat |
|---|---|---|---|---|
| 03. 5. 1 | | Għal din il-laqgħa ma ġewx preżentati mozzjonijiet. | | |

**03. 6. Affarijiet oħra jekk meqjusa urġenti**

| Riferenza | Rif | Mingħand / Suġġett | Kummenti / Deċiżjoni | Inkarigat |
|---|---|---|---|---|
| 03. 6. 1 | | Sindku: Kunċert Mużika Sagra | Is-Sindku ħeġġeġ lill-kunsilliera sabiex jattendu u jikkonfermaw l-attendenza tagħhom għall-kunċert mużika sagra li ser isir nhar it-8 ta' April fil-Knisja Parrokkjali. | |
| 03. 6. 2 | | Camilleri: Voucher Wise Owl | **Il-Kunsill approva li jinxtraw b'€200 kotba mingħand il-Wise Owl għal-librerija pubblika fejn ningħataw b'valur ta' €400 kotba.** | Camilleri |
| 03. 6. 3 | | Camilleri: Applikazzjonijiet għall-għalliema | Camilleri talab sabiex insibu għalliema għall-korsijiet tas-sajf. **Il-Kunsill qabel.** | Segretarjat |
| 03. 6. 4 | | Camilleri: Embellishment quddiem il-librerija | Camilleri talab sabiex isir embellishment ta' l-area ta' quddiem il-librerija. **Il-Kunsill qabel li dan għandu jsir mill-ġardinar ta' l-iskola.** | |
| 03. 6. 5 | | Seychell: Attivita' Vittmi tal-Gwerra | **Il-Kunsill qabel li l-attivita' tal-Vittmi tal-Gwerra għandha issir nhar l-1 ta' Mejju qabel il-quddies tal-11am. Il-Viċi-Sindku ssuġġeriet li għal din l-attivita' ninvolvu t-tfal peress li bħalissa għaddejja l-gwerra fil-Libya u b'hekk titqajjem kuxjenza fost it-tfal ta' dak li qed jiġri fid-dinja.** | Seychell |
| 03. 6. 6 | | Seychell: Sleeping policeman | Seychell ġibed l-attenzjoni dwar in-nuqqas ta' effett tas-sleeping policemen fil-liwja ta' Triq Daħla ta' San Tumas. | Sindku |

| | | | |
|---|---|---|---|
| 03. 6. 7 | Seychell: Ġimgħa l-Kbira | Seychell informa lill-Kunsill dwar tappieri sfrundati fil-Pjazza quddiem il-Knisja kif ukoll globu nieqes quddiem il-latrina pubblika f'Misraħ ir-Repubblika. | Sindku |
| 03. 6. 08. | Seychell: Wesgħa 5 t'Ottubru | Seychell ġibed l-attenzjoni dwar siġra perikoluża f'Wesgħa 5 t'Ottubru 1974. Is-Sindku spjega li meta siġra tkun perikoluża din titneħħa bil-permess tal-Mepa | Hales |
| 03. 6. 09. | Seychell: Attivita' Imnarja | **Il-Kunsill qabel li s-sotto kumitat tal-kultura jtella' l-attivita' annwali ta' l-imnarja b'dedika lil Frans Baldacchino il-Budaj fl-24 ta' Ġunju 2011 fi Ġnien San Girgor.** | Seychell |
| 03. 6. 10. | Viċi-Sindku: Open Gym u walking track | **Il-Kunsill laqa' t-talba tal-Viċi-Sindku sabiex isir open gym u walking track fi Ġnien San Girgor.** | Sindku |
| 03. 6. 11. | Viċi-Sindku: Sleeping Policeman | Il-Viċi-Sindku talbet li ssir sleeping policeman fi Triq Madonna tal-Ħniena k/m Triq Vendome. **Il-Kunsill laqa' din it-talba.** | Sindku |
| 03. 6. 8 | Viċi-Sindku: Green Bags | Il-Viċi-Sindku infurmat lill-Kunsill li mill-ġimgħa d-dieħla ser jerġa' jsir it-tqassim tal-boroz ħodor għas-separazzjoni ta' l-iskart f'kull dar. | Viċi-Sindku |
| 03. 6. 9 | Seychell: Ktieb bil-laqmijiet Żwieten | Seychell informa lill-Kunsill dwar deċiżjoni li kien ħa fl-14 ta' April 2005 dwar pubblikazzjoni ta' ktieb b'laqmijiet Żwieten. L-awtur avvanza ħafna fix-xogħol tiegħu u s'issa ġabar 744 laqam. | Seychell |
| 03. 6. 10 | Sindku: Impjegat Godwin Muscat | Is-Sindku informa lill-Kunsill li kif konfermat mill-interviewing board, magħmul minnu, mill-Viċi-Sindku u mill-Kunsilliera Wille Piscopo, kien hemm qbil unanimu li s-Sur Godwin Muscat kienet il-persuna adattata għall-vacancy ta' clerk. Għaldaqstant ġie impjegat is-Sur Muscat b'effett mill-1 ta' April. Il-Kunsill ġie infurmat ukoll li s-Sinjura Rose Marie Cassar m'għadiex fl-impjieg bħala part-time clerk. | Sindku Segretarju Eżekuttiv |

Is-Sindku għalaq il-laqgħa fl-10.05pm. Laqgħa oħra ser issir nhar il-Ħamis, 5 ta' Mejju, 2011 fis-Sala Mikiel Cachia fl-uffiċċji tal-Kunsill Lokali Zejtun fis-6.00p.m.

Joe Attard
Sindku

Anton Falzon
Segretarju Eżekuttiv